# Xalata ta' Kitba



L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu ser torganizza Xalata ta' Kitba f'Betlehem f'Għajnsielem, Għawdex bi sħab ma' Prayer Spaces għal tfal bejn 7 snin u 11-il sena. Din hija opportunità tad-deheb għal dawk il-ġenituri/kustodji li jixtiequ jaqsmu ftit tal-ħin ma' wliedhom f'attivitajiet kreattivi u riflessivi filwaqt li jipparteċipaw f'talb prattiku mat-tfal tagħhom.

| | |
|---|---|
| DATA: | Is-Sibt 15 ta' Diċembru 2018 |
| ĦIN: | 14:30 – 16:00 |
| POST: | Betlehem, Għajnsielem Għawdex |

Matul din l-esperjenza ta' kitba ser:

- nieħdu sehem f'esperjenza ta' kitba,
- niktbu flimkien bħala familja f'atmosfera ta' gost u rilassanti,
- noħolqu esperjenza pożittiva bil-kitba,
- norbtu l-kitba mal-ħajja ta' kuljum u,
- il-ġenituri/kustodji jitħarrġu fi strateġiji kif jistgħu jgħinu lit-tfal fil-kitba.





L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

Għalkemm din l-attività hija bla ħlas, wieħed irid jirriserva post sal-Erbgħa 5 ta' Diċembru 2018 billi jċempel 2598 3324 jew jibgħat ittra elettronika lil suzanne.balzan@ilearn.edu.mt

Tista' wkoll tirriserva post billi tibgħat messaġġ fuq il-paġna tal-Facebook, Xalati ta' Kitba, bid-dettalji tiegħek jew

mill-websajt tal-Aġenzija,

https://education.gov.mt/en/nationalliteracyagency

Nitolbukom tispeċifikaw jekk tixtiqux tattendu din l-attività bil-Malti jew bl-Ingliż.

PRAYER SPACES IN SCHOOLS -MALTA-

10th EDITION Bethlehem f'Għajnsielem '18

merlin publishers

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL
TRIQ L-ASSEDJU L-KBIR, IL-FURJANA, MALTA

Din l-informazzjoni se tintuża għal skopijiet amministrattivi skont il-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR) 2016/279, l-Att tal-Edukazzjoni (S.L. 440.09 – 2015) u kwalunkwe leġislazzjoni simili oħra.